*ASSOĊJAZZJONI SPORT MUTURI U KAROZZI*

# *REGOLAMENTI MOTOCROSS 2022*

***www.asmk.org.mt***

## Sezzjoni Nru. 1 Regolamenti għar-*Rider*

**1.1** Kull *Rider* irid joqgħod għal eżami mediku u tas-sewqan. Kull *rider* għandu joqod għall-eżami mediku minn 1/1/2022. Flimkien mal-eżami mediku trid tiġi ppreżentata il-karta tal-identita'. Il-kopja tal-identita tiġi disponuta wara li d-dettalji tar-*rider* jiġu proċessati.

**1.2** L-eżami mediku isir minn tabib u dak tas-sewqan minn *uffiċjal* ta' l-ASMK.

**1.3** Jekk *Rider* jinqabad ġewwa l-korsa mhux għal skop ta' *training*, iżda għal xi raġunijiet personali, dan jitressaq quddiem il-kumitat tas-sezzjoni u wara jider quddiem il-Kumitat Eżekuttiv, u jeħel penali skond kif jiddeċiedi l-kumitat eżekuttiv presenti.

**1.4** Ir-*Rider* irid jilbes ilbies protettiv kemm waqt it-taħriġ, kif ukoll waqt il-kompetizzjonijiet. L-ilbies jikkonsisti: f' Helmet, Boots tal-Motocross u ħwejjeġ oħra protettivi (bħall goggles u ngwanti), iżda mhux xi *Tee-shirt* u *shorts.* Dan għandu jilbes il-***full Motocross Kit***. **(ara 5.4 sa 5.7)**

**1.5** L-ebda *Rider* ma jista' jaqsam il-korsa biex iqassar, jew jgħaddi minn ximkien ieħor, ħlief dak indikat mill-*marshals.* Jekk *Rider* jitlef il-kontroll tal-mutur u joħroġ barra mil-korsa, dan irid jerġa jidħol minn fejn ħareġ jew minn l-eqreb post mingħajr ma jqassar il-korsa jew jieħu xi forma ta' vantaġġ. Jekk *Rider* jaqta il-korsa biex jieħu vantaġġ dan jinata bandiera sewda (ara S.3.1).

**1.6** In-numru li juża r-*Rider* fuq il-mutur irid ikun:-

- **a)** mogħti lilu mill-uffiċjali ta' l-ASMK
- **b)** numru abjad fuq sfond iswed u ta' ħxuna waħda, jew numru iswed fuq sfond abjad. Jekk kuluri oħra jintużaw, dawn għandhom jiġu approvati mill-uffiċjal.
- **c)** imwaħħal fuq ix-xellug u l-lemin tal-mutur kif ukoll fuq quddiem.
- **d)** l-ebda *Rider* ma jista jibdel in-numru mingħajr l-approvazzjoni ta l-uffiċjali ta' l-ASMK. Jekk Jinbidel in-numru bi qbil ma l-uffiċjal inkarigat, dan għandu jinforma lill-*Clerk of the course* fl-ewwel attivita li jkun imiss.

**1.7** Kull kompetitur irid jiffirma dokument li permezz tiegħu, il-kompetitur jesonora lil ASMK, l-uffiċjal u l-*isponsors* tagħha kollha, minn kull inkwiet jew danni li jista jiffaċċja matul u wara l-kompetizzjoni.

**1.8** Protest jista jsir biss minn kompetitur tal-ġurnata, bil-miktub mhux aktar tard minn 30 minuta wara li tispiċċa l-kompetizzjoni. Kull protest irid ikun akkumpanjat b'depożitu ta' €50.00, liema depożitu jintilef jekk min ressaq il-protest jinsab li ma għandux raġun.

**1.9** Kull *Rider* irid jobdi l-istruzzjonijiet ta' l-uffiċjal jew *marshals*, kemm waqt il- kompetizzjoni kif ukoll waqt it-taħriġ, f'kull ġurnata.

**1.10** Kull mutur irid ikun ippreżentat għal kull kompetizzjoni skond ir-regolamenti ta' l-ASMK

**1.11** Ir-*Rider* qatt ma jista jidħol fil-korsa mingħajr il-permess ta' l-uffiċjal inkarigat u **QATT** ma jista jsuq kontra d-direzzjoni normali tal- korsa. Jekk *Rider* jidħol fil- korsa waqt xi *event* u ma jkunx ħa permess mingħand l-uffiċjal inkarigat mill-attivita tal-ġurnata, dan jiġi skwalifikat dak il-ħin stess.

**1.12** L-ASMK permezz tal-uffiċjal maħtur biex imexxi l-*iskrutineering*, tista titlob li l-magna tal-mutur tiġI miftuħa jekk ikun hemm xi suspett li ċ-ċilindrata tal-mutur ma tkunx dik permessa mir-regolamenti. F'dan il-każ, jekk is-suspett ikun iriżulta min protest, l-ASMK tħallas lir-*Rider* l-ispejjes li ragonevolment jidħol fihom il-kompetitur, kemm il-darba Iċ-ċilindrata tal-magna tkun skond ir-regolamenti. Fl-ebda każ dan il-ħlas ma jaqbeż il- €50.00. Jekk jiġi kkonfermat li l-magna ma' tkunx skond ir-regolamenti:-

**a)** Il-kompetitur jeħel multa ta' €100

**b)** Ma jkunx jista jieħu sehem f'attivitajiet organizzati mil- ASMK sakemm isir il-ħlas.

**c)** Jiġu mnaqqsa l-punti kollha akkumulati fil-kampjonat sal ġurnata tal-kontrol.

**1.13** Kull *Rider* irid ikun membru affiljat ma l-ASMK, u jrid jirreġġistra l-mutur tiegħu qabel kull kompetizzjoni u jkun ħallas il-miżata miftehma mill-Kumitat Eżekuttiv. Jekk ir-*Rider* jonqos li jagħmel dan, ma' jkunx jista' jieħu sehem fl-attivita.

**1.14** Jekk l-imġieba ta' xi *Rider* jew sostenituri tiegħu ma tkunx skond l-ordni u ir-rispett lejn l-uffiċjali, ir-*Riders*, jew persuni oħra, dan jiġi skwalifikat u jista jeħel piena oħra mill-Kumitat Eżekuttiv, skond il-każ.

**1.15** Ir-*Riders* iridu jużaw iż-żewġt (2) rappreżentanti fil-Kumitat tal-Motocross biex jirrapreżentawhom għal xi diffikultajiet u waqt xi kompetizzjoni.

**1.16** Il-Kumitat iżomm id-dritt li jżid, inaqqas jew jibdell xi regolamenti skond kif ikun meħtieġ matul iż-żmien. Dawk ir-regolamenti miftehma huma obligatorji daqs dawk miktuba

**1.17** Il-Kumitat iżomm id-dritt li jnaqqas in-numru ta' tiġrijiet jew *laps* skond il-ħtieġa tal ġurnata.

**1.18** Il-Kumitat organizzattiv iżomm id-dritt li jista jirifjuta xi *Rider* milli jieħu sehem f'xi attivita jekk jidhirlu li s-*safety* tar-*Rider* jew tal-mutur tista tkun ta periklu, jew mhux skond ir-regolamenti tal-ASMK jew f' każi partikulari, tal-ġurnata.

**1.19** Jekk *Rider* jiġi konfermat li jkun ħa ammont ta' *alkohol*, drogi, mediċina, etc.. dan ma jitħalliex jieħu sehem fl-attivita. Wara dan jista jeħeI u/jew jiġi penalizzat mill-Kumitat Eżekuttiv tal-ASMK

**1.19.2** Kull *Rider* jista jiġi mitlub joqgħod għal 'Doping Test' b'approvazzjoni tal-Kumitat ASMK

**1.20** Il-kundizjoni fiżika tar-*Rider* trid tkun tajba, u dan irid ikun ikkonfermat min Team Mediku jew il-*Clerk of the Course* inkarigat mill-ASMK

**1.21** Kull *Rider* irid jinżel għal Warm-Up u / jew Practice runs li jsiru qabel l-Ewwel *Heat* jew kull meta jiġi ordnat. Min ma jinżilx fil-ħin jitlef l-opportunita li jgħamel il-Warm-Up.

**1.22** Ma Jistax isir ġiri u provi tal-Muturi fil-Paddocks kollha. Is-sewqan fil-paddocks huwa limitat biex wieħed joħroġ u jidħol mil-korsa u biex il-mutur jittella fuq it-trailer.

Provi jistaw isiru biss fil-korsa, bil-permess miftiehem mar-Race Directors tal-ASMK.

Tingħata penalita lill min ma jobdix din ir-regola.

**1.23** Kull *rider* irid jirreġistra u jkun membru mal-ASMK, iħallas il-Miżata tal-Membership u tar-Race Registration skond kif stipulata mil-Kumitat Eżekuttiv tal-ASMK.

**1.24** Kull *rider* tal-kampjonat taħt it-18 il-sena issuq biss bil-kunsens miktub tal-ġenituri jew gwardjani legali tiegħu, u fil-preżenza ta' xi ħadd minnhom

## Sezzjoni Nru. 2 Regolamenti tal-Kompetizzjoni

**2.1** Kemm il-darba l-kompetitur ma jsegwix l-istruzzjonijiet tal-uffiċjali jew tal-*marshals* dan jitlef mhux inqas min 10 punti mit-total tal-*Heats* tal-ġurnata. Dan jista jbiddel il-pożizzjoni finali fil-klassifika.

**2.2** *Rider* irid jirreġistra l-mutur tiegħu fil-ħin stipulat mill-ASMK (ara sezz.1 Nru. 12) Jekk dan ma jsirx, dan ma jkunx jista jipparteċipa f'dik il-kompetizzjoni jew attivita.

**2.3** Ir-*Rider* jingħata **punteġġ** skond il-pużizzjoni finali f'kull *heat* tal-ġurnata. (ara Tabella Nru 1) Jekk *Rider* jirċievi penalita, il-punti ta din il-penalita jitnaqqsu mill-punti tal-*Heats*.

**2.4** Dawn it-tiġrijiet ikunu ta' (Żewġ (2) *Heats* ta' 10 minuti u Lap (10 minuti + 1 Lap) għal Klassijiet "B", "C" u Veteran. Żewġ (2) *Heats* ta' 15 minuta u Lap (15 minuta + 1 Lap) għal Klassi A) f'kull *heat*. In-numru ta' dawriet jista jitnaqqas skond il-htieġa tal-ġurnata, kif imsemmi f'sezzjoni **1.16**.

**2.5** Jekk *Rider* ma jkunx preżenti fuq il-*'Gate'* u lest fuq l-*'istarting Line'* fi żmien żewġ minuti minn x'hin jingħata sinjal dan jiġi eliminat għal dik it-tiġrija biss.

**2. 6** **Free Practice/Timed Practice/Warm-up Laps.** Dan ikun ta' mhux iktar minn 15 minuta. Kif tintwera il-Bandiera tal-Finish, ir-*rider*s kollha johorġu minn l-istess parti tal korsa lejn il-paddock.

**2.7** Kull marshal point stipulata mill-kumitat huwa mistenni li jkollom żewġ marshals, wiehed biex iżomm il-bandiera u l-iehor biex f'kas ta' bżonn jgħin lir-*Rider*. Dawn mistennija li jilbsu il-Bibs halli jidhru. Ir-*rider*s huma obligati joqodu marshals skond kif jitqassmu mil kumitat tas-sezzjoni. Min jonqos li jgħamel dan jehel penali skond sezzjoni **2.1**. *Rider* jista jibgħat sostitut jekk jinqalu xi kas li ma jkunx jista johroġ bhala marshall.

**2.8** **Punti tal-ġurnata**

F'kull *Heat* tal-Ġurnata kull *Rider* jiehu punti kif jidhru fit-tabella Nru 1 u dan skond kif jispiċċa it-tiġrija ta' dik il-*Heat*, basta jkun saq mhux inqas minn 3 Laps u ħa l-Finish Flag mhux inqas tard mnn 5 minuti wara r-rebbieh ta dik it-tiġrija. Dawn il-punti jservu biex jiġi identifikat it-Total ta' punti tal-ġurnata għal kull *Rider* u tohroġ il-klassifika ġenerali tal-ġurnata.

(NB). Punti ta' Penalita waqt il- *Heats* jitnaqqsu mit-total tal-punti mirbuha fil *Heats* u wara dan it-tnaqqis issir il-Klassifika Ġenerali tal-Ġurnata.

**2.9** **Punti li jgħoddu għal Kampjonat:-**

Dak ir-*Rider* li jirbah l-għola punti fil-*Heats* tal-ġurnata skond artiklu 2.8, jirbah l-Ewwel Post u t-total tal-punti miksuba fil-*Heats* jingħaddu għal 'Klassifika tal-Kampjonat' skond Tabella Nru 1. Ir-Runner-up u l-kumplament tar-*Rider*s jiehdu l-Punti mit-Tabella Nru 1 skond it-total miksub fil-*Heats* fil-Klassifika Ġenerali tal-ġurnata.

**2.9.2** (NB). F'Każ ta' **Parita fil-Punti**, dak ir-*Rider* li jirbah l-ahjar pożizzjoni fuq il-Finish Line ta l-Ahhar *Heat* meta komparat mal-pari tiegħu, jiehu il-vantaġġ tal-pożizzjoni u il-pari l-iehor jiehu il-post ta' warajh (It-Total tal-punti ma jinbidilx).

**2.9.3** F'każ ta Parita f'xi Post bejn żewġ kompetituri, ħadd ma jirbaħ il-post ta' wara dawn iżda jinqabeż post fil-klassifika. Dan jgħodd biss għat Trofies u l-klassifika tal-ġurnata, dik ġurnalistika, u oħrajn. Il-Punti miksuba jgħoddu għal-Kampjonat.

**2.9.4** Dawn is-sistemi jridu jiġi applikatati f'kull każ u f'kull parita fil-'Klassifika Ġenerali' tal-ġurnata.

**2.9.5** F'kas ta' parita fil-punti tar-*rider*s fi tmiem il-kampjonat MX, dak ir-*rider* li rebaħ l-iktar l-ewwel postijiet, jiġi ddikjarat ir-rebbieħ. Jekk tibqa l-parita, naraw l-akbar numru tat-Tieni post, etc.

**2.10** Kull *Rider* huwa responsabbli għal għemil tiegħu u tas-supporters tiegħu ukoll.

**Tabella Nru 1 għal-Punti għall *Heats* u għall Punti tal-Kampjonat.**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| **1st** | **punti 25** | **8th** | **punti 13** | **15th** | **punti 6** |
| **2nd** | **punti 22** | **9th** | **punti 12** | **16th** | **punti 5** |
| **3rd** | **punti 20** | **10th** | **punti 11** | **17th** | **punti 4** |
| **4th** | **punti 18** | **11th** | **punti 10** | **18th** | **punti 3** |
| **5th** | **punti 16** | **12th** | **punti 9** | **19th** | **punti 2** |
| **6th** | **punti 15** | **13th** | **punti 8** | **20th** | **punti 1** |
| **7th** | **punti 14** | **14th** | **punti 7** | | |

**Tabella Nru. 1**

**2.11** Waqt tiġrija jekk *Rider* ma jagħmilx ħiltu biex ikun kompetittiv jista jintalab jirtira u jista jiġi penalizzat mill-Kumitat Eżekutttiv tal-ASMK.

**2.12** Meta *Rider* jaqta il-Finish Line, irid ikun għadu f'kuntatt mal-mutur.

**2.13** Ir-*Rider*s kollha jridu jaqsmu il-Finish Line mhux iktar tard minn 5 minuti wara li jasal ir-rebbieħ ta' dik it-tiġrija. Jekk dan ma jseħhx, ir-*rider* jiġi skwalifikat mir-riżultat ta' dik il-*Heat*.

**2.14** Il-Marshal jista' jgħin lir-*Rider* waqt il-kompetizzjoni fil-korsa, meta jaqa minħabba is-safety tiegħu u tal-kompetitiuri l-oħra, imma mhux biex jistartja il-mutur. Fil-każ ta' *rider* fil-klassi Juniors li jkun f'diffikulta biex jistartja il-mutur, dan jista jitlob għajnuna mingħand il-marshalls.

**2.15** Id-dati tal-Kampjonat tal-Motocross ikunu approvati mill-Kumitat Eżekuttiv tal-ASMK
Il-Kampjonat ikun ta' mhux inqas minn tmien (8) events sakemm ma jkunx hemm raġuni valida biex dan in-numru jiżdied jew jitnaqqas.

## Sezzjoni Nru. 3 Bnadar

**3.1 Bnadar**

| | | |
|---|---|---|
| **Start** | **Bandiera Nazzjonali** | Tluq minn wara il-Gate. |
| | **Ħamra** | Periklu fil-Korsa kulħadd jieqaf u jitfi l-Mutur fejn ikun. Tintwera wkoll meta jkun hemm 'False Start'. |
| | **Ħadra** | Korsa normali ma hemmx periklu aktar fil-korsa. |
| | **Blu Fissa** | Ħalli lil ta warajk jaqbżek għax qed jgħaddik b'dawra jew huwa veloci ħafna aktar minnek. |
| | **Blu Tperper** | Issakkar lill Ħadd. Wara din tista toħroġ Bandiera ta' 'Warning'. Din tiswa Ħames (5) punti ta' Penalita. |
| | **Safra Fissa** | Periklu fil-korsa. Suq b-attenzjoni kbira u naqqas li speed |

**Ikompli :-**

| | | |
|---|---|---|
| | **Safra Tperper** | Diffikulta jew Periklu fil-korsa, naqqas li speed u ħadd ma jista jaqbeż lil ieħor. Min jaqbeż fuq bandiera safra jeħel 10 punti. |
| | **Sewda u Bajda Djagonali** | Warning, jekk tiġi muri din il bandiera sinjal li ma kontx sportiv u kull darba li tiġi murija din il bandiera jonqsulek 10 punti |
| | **Sewda** | Jekk *Rider* jiġi muri din il-bandiera dan ikun ġie skwalifikat għal kumplament tal-ġurnata. Jekk *Rider* ma jgħatix każ din il-bandiera u jibqa jsuq fuq bandiera sewda dan jeħel tiġrija għal kull dawra li jkun għamel fuq il bandiera. |
| **Bajda b'Salib Iswed Djagonali** | | L-aħħar dawra. |
| | **Checkerd: Bajda u Sewda** | Tmiem tat-tiġrija, taħriġ jew qualifika. |

## Sezzjoni Nru. 4 It-Tiġrija

**4.1** Waqt tiġrija jekk *Rider* joħroġ mill-korsa u jmur lura fil-paddock, dan ma jistax jerġa jidħol fil-korsa u jkompli t-tiġrija. (Jista jsiru tiswijiet żgħar fil mutur fil-Pitstop area)

**4.2** Waqt tiġrija *Rider* ma jistax jingħata eż. petrol, ilma, spark plugs, et`….. **(Ara 2.14 ukoll)**

**4.3** Il-korsa tinħarat qabel kull tiġrija u s-Sibt ma jistax isir training fuqa qabel it-tiġrija tal-Ħadd. Il-korsa ma terġax tinħarat sal-Ħadd tat-tiġrija tal-kampjonat.

**4.3.2** Dawk li jkunux membri mħallsa mal-ASMK, Ma Jistawx jgħamlu l-ebda training fuq il-korsa.

**4.4** Ir-Referee tal-Korsa biss jista jwaqqaf it-tiġrija bil-bandiera Ħamra.

**4.4.1** F'każ li tintwera' l-bandiera Ħamra u titwaqqaf it-tiġrija, ir-riżultat temporanju tat-tiġrija jkun dak tal-aħħar Lap kompluta mill-Leader tat-tiġrija qabel intweriet l-bandiera Ħamra.

**4.4.2** Jekk it-tiġrija titwaqqaf bil-bandira Ħamra qabel ikun għadda nofs il-ħin tat-tiġrija, it-tiġrija terġa ssir mil-bidu qisa ma saritx, u dan wara mistrieħ ta' madwar min 15 il-Minuta.

**4.4.3** Jekk it-tiġrija titwaqqaf bil-bandira Ħamra wara li jkun għadda nofs il-ħin tat-tiġrija, it-tiġrija ma terġax issir u r-riżultat ikun skond l-aħħar Lap Kompluta Qabel tkun ħarġet il-Bandiera Ħamra.

**4.4.4** *Rider* li ħa jieħu sehem fir-Re-Run jista jibdel il-Mutur.

**4.4.5** *Rider* li jkun imweġġa jew ikun ir-raġuni li minħabba fih tkun ħarġet il-Bandiera Ħamra ma jitħalliex isuq.

**4.5** Jekk tiġrija tiġi mwaqqfa minħabba incident ta' xi *Rider,* dak/dawk li jkun ġie 'Black Flagged'ma jkunx jista jieħu sehem f'dik it-tiġrija jekk ikun ħa jsir Re-Start'.

Jekk *rider* ikun weġgħa, dan irid jiġi ċertifikat 'OK' mit-Tabib/Head Nurse tal-ġurnata.biex jipparteċipa' fil-*Heat* li jmiss.

**4.6** Jekk *Rider* jasal tard għal xi attivita u l-ewwel *Heat* tkun bdiet dan jitħalla jsuq mil-*heat* ta' wara. *Rider* jista' jitlef l-ewwel *heat* biss u ma jistax jidħol fit-tiġrija meta din tkun bdiet.

**4.7** Warning tiswa Ħames (5) punti ta' penalita. Din titnaqqas mit-total ta' punti tal-ġurnata u jista jkollha effett negattiv fuq ir-riżultat tal-ġurnata.

**4.7.2** Black Flag lir-*Rider*, dan jitlef il-punti, il-medalja u jirtira mil-kumplament tal-attivita.

**4.8** Il-medalji għandhom jingħabru waqt il-preżentazzjoni tal-ġurnata. It-trophies jinataw skond is-Sezzjoni 8 tal-istatut tal-ASMK, u jingħabru waqt l-attivita ta preżentazzjoni annuali organizzata mill-ASMK.

**4.9.1** Il-klassijiet tal-Muturi huma kif ġej:

1. Juniors (ara sezzjoni 10)
2. Youths (ara sezzjoni 10)
3. Klassi "C" Beginners Open (minn 125cc il-fuq);
4. Klassi "B" Intermediate Open (minn 125cc il-fuq);
5. Klassi "A" Experts Open (minn 125cc il-fuq);
6. Klassi "Veterans" Open (minn 125cc il-fuq);

Kollha barra Klassi B huma kampjunat nazzjonali

4.9.2 Beginner jiġi promoss bħala Intermediate mill-Kumitat kif dan jilħaq il-livell meħtieġ

4.9.3 *Rider* li jkun Rebaħ jew ġie Runner Up fil klassi Intermediate Klassi "B" jitqies bħala *Rider* Expert fi Klassi "A".

4.9.4 Fid-diskrezjoni tal-Kumitat f'kas ta' nuqqas ta' parteċipazjoni ta' *Rider* Expert fi Klassi "A" għal tul ta' żmien li jirriżulta fi tnaqqis fil-kapaċita kompetitiiva tar-*Rider*, dan jitħalla jsuq fil-klassi "B" Intermediate sakemm jikseb il-kapaċita biex issuq mal-Klassi "A" Expert, jew jiġi l-ewwel fil-Klassi "B" Intermediate fi 3 events.

4.9.5 *Rider* li jkun rebaħ jew ġie Runner-up fil-klassi "B" Intermediate ma jistax jerġa jirbaħ l-unur tal-klassi għal darb'oħra. *Rider* li jkun għalaq 40 sena jew aktar sal-bidu tal-kampjonat jitqies mal-Klassi VETERAN.

4.9.6 Il-kumitat jista jżomm *rider* li jigi l-ewwel jew runner up fil-B bil konsistenza milli jsuq fi klassi A jekk ma jkunx tal-livell minimu biex issuq f'din il-klassi. Imma fi Klassi B jieħu l-punti normali u jekk jirbaħ 3 events (1st) jitla BILFORS fi Klassi A.

4.9.7 Kompetitur fi klassi A li jaqbeż l-eta ta 40 u jkun jixtieq jibqa jsuq fi klassi A minflok dik tal-Veterans, dan għandu jagħmel talba ufficjali lil kumitat motocross, u l-kumitat jiħu deċiżjoni jekk jilqax din it talba.

4.9.8 Jekk *rider* jkun ser jaqbeż xi klassi, din trid tiġi approvata mill-kumitat.

4.9.9 Bhala kumitat nikkunsidraw dwan il punti fost l-ohrajn:

- Teknika tas-sewqan
- Qbiż tar-rampi
- Konsistenza tas-sewqan
- Parteċipazzjoni matul is-sena
- Il-mutur li jun qed jintuża

4.9.10 Għall spjegazzjoni fuq il-klassijiet Juniors u Youths ara Sezzjoni 10

**4.10** False Start. It-tiġrija titwaqqaf waqt l-ewwel Lap.

**4.11** Jump Start. Min jagħmel 'Jump Start' u jwaħħal il-Gate tiegħu, it-tiġrija tkompli.

**4.12** Kull *rider* għandu joqod fil marshall post allokat għalih meta jkun imiss lilu li joqgħod bħala marshall. Il-marshall posts jkunu indikati wara kull *heat* tal -ġurnata.

## Sezzjoni Nru. 5 Il- Mutur / Safety Kit:

**5.1** Il-frame tal-mutur irid ikun f'kundizzjoni ġenerali tajba u kollox issikat sew f'postu b'mod speċjali il-Footrests, swing-arm, suspensions, handle bars u levers.

**5.2** Tyres; Dawn iridu jkunu tat-tip Off Road u mhux tat-triq. It-tyres iridu jkunu bit-tubu jew mouse u d-disinn jew grooves/blocks ikun fihom mhux inqas minn 3mm ta' lastiku fl-iktar parti baxxa. Ir-Rims tar-roti jridu jkunu f'kundizzjoni tajba, u mingħajr spokes neqsin jew maqtugħin.

**5.3** Is-seat, tal-mutur irid ikun f'kundizzjoni tajba u marbut sod mal-frame.

**5.4** Is-Safety Helmet, (Tip tal-MX) Irid ikun ta' kwalita tajba, tinqafel tajjeb, tat-tip Full-Face u b'Chin Protector. Dan irid ikun immarkat bit tabelli ta' Standards konformi mal-**FIM - ECE 22 - 05 (P, NP or J), JIS T 8133:2007, JIS T 8133:2015, SNELL M2010, SNELL M2015, ECE 22 - 06.**

**5.5** Eye Protection - Goggles. Dan irid jintlibes mir-*rider* f'kull Start ta' Practice, Warm-Up u/jew Tellieqa.

**5.6** Ħwejjeġ li jgħattu il-ġisem kollu u kit tal-Cross biss jista jintuża. Dan jikkonsisti fi:-Ingwanti, Qalziet Twil, Jersey, Goggles, Chest/Back Protector kemm jista jkun konformi ma EN1621. Tee-Shirts u shorts mhux permessi.

**5.7** Boots; apposta għal Cross irid jintuża. Neck-Protector u Knee Braces huma rakkomandati li jintlibsu.

**5.8** Il-magna; din tista tiġi modifikata iżda ċ-ċilindrata tkun konformi ma' **Art. 5.17**

**5.9** Il-Brakes; dawn iridu jkunu kapaċi jillokkjaw iż-żewġ roti.

**5.10** Il-Levers; ta' fuq il-handle bar irid ikunu ta' kwalita tajba u jkollom il-boċċa fit-tarf.

**5.11** Il-Handle Bar; dan irid ikun biċċa waħda u f' kundizzjoni tajba.

**5.12** It-Tank tal-Fuel; irid ikun marbut sew mal-frame u t-tap irid ikun jinqafel tajjeb.

**5.13** Is-Silencer; dan irid ikollu shields protettivi fejn hemm bżonn.

**5.14** L-ebda oġġett tal-ħġieġ jew metal bi xfar ma jista jitwaħħal mal-mutur.

**5.15** Il-Ħoss mis-silencer jkun sa 94db/A imkejjel fuq skala 'A' għal distanza ta' nofs metru (20'')

**5.16** It-throttle irid ikun jinżel waħdu għal pożizzjoni Idling.

**5.17** Iċ-ċilindrata tal-muturi eliġibbli fil- Klassi A, B, C u Veterans huma dawn:

- 125cc 2-stroke jew ikbar
- 250cc 4-stroke jew ikbar

Muturi b'ċilindrata barra dawn il-qisien (jew li jaħdmu b'sors ta' enerġijja mhux konvenzjonali, bħal elettriku) jitħallew jikkompetu fil-Kampjonat tal-ASMK wara li issir talba uffiċċjali lil kumitat. Il-kumitat jiddeċidi jekk dan il-mutur jistax jikkompeti.

Tista ssir klassi għall Muturi b'ċilindrata barra dawn il-qisien f' 5.17 b'approvazzjoni tal-ASMK.

## Sezzjoni Nru. 6 Scrutineering

**6.1** Kull mutur irid jiġi ċċekkjat qabel il-kampjonat, dan jista jiġi ċċekkjat ukoll minn skrutineer tas-sezzjoni qabel kull tiġrija. Dan jitħalla jsuq jekk jingħata 'Passed Test' mill- uffċjal tal-ASMK li jieħu ħsieb is-Safety tal-mutur u tar-Rider.

**6.2** Kull *Rider* irid ikollu l-għodda meħtieġa biex ikun jista jiġi ċċekjat il-mutur mill-*iskrutineer.*

**6.3** L-*iskrutineer* iżomm id-dritt li jiċċekja s-*safety* ta kull mutur kif ukoll tas-safety kit tar-*Rider* matul kull attivita tal-ġurnata, tul il-kampjonat u sezzjonijiet tat-taħriġ.

**6.4** Il-Kumitat Organizzattiv iżomm id-dritt li jiċċekja l-ewwel tlett muturi rebbieħa tal-ġurnata, jew l-ewwel tlett muturi rebbieħa wara kull tellieqa, jekk dawn ma jkunux skond ir-regolamenti permessi dawn jeħlu penali kif imsemmija f'sezzjoni 1 Nru.11.

**6.5** L-ebda reklam li jkun ta kompettizzjoni diretta ma l-*isponsor* uffiċjaili tal-ASMK, ma jista jintuża fuq il-mutur jew is-sewwieq.

## Sezzjoni Nru. 7 Punti ġenerali u oħrajn.

**7.1** Warning Flag u Black Flag:- (Ara 4.7)

Black Flag lir-*Rider*, din tinata lir-*Rider* mir-Referee tal-ġurnata. Jista jingħata penalita oħra mil-Kumitat Esekuttiv tal-ASMK.

**7.2** Trofies għal kull Tiġrija skond in-numru ta kompetituri fil-ġurnata.

Mhux aktar min tlett trophies jew nofs in-numru ta' muturi preżenti fil-bidu tal-attivita. Jekk fil-bidu tal-kompetizzjoni jkun hemm 6 Kompetituri fi klassi jew iktar, jingħataw 3 trofies; Jekk sa 5 Kompetituri fi klassi, jingħataw 2 trofies; Jekk sa 3 Kompetituri fi klassi, tingħata trofy waħda (1). Ara sezzjoni 4.8.

**7.3** Talba għal-Liċenzja għal Kompetizzjoni barra minn Malta.

L-ASMK taċċetta li toħroġ liċenzja lir-*Rider*/s Membri imħalsa, jekk l-imġieba tar-*Rider*, il-kundizjoni fisika u ħiliet oħra tkun tisodisfa il-kriterji mitluba mil-ASMK jew FIM / FIM (Europe) / FMI.

## Sezzjoni Nru. 8 Taħriġ għal Motocross

8.1 Kull min jagħmel sezzjoni ta taħriġ irid ikollu ilbies protettiv minħabba s-sigurta skond regolamenti Numru 1.3, 5.4 sa 5.7

8.2 Taħriġ se jibda jsir skond l-avviż fuq is-sit elettroniku tal-ASMK.

8.3 Uffiċjal inkarigat se jkun qed jiftaħ il-korsa u tingħalaq mill-istess uffiċjal.

8.4 Kull min jixtieq jagħmel taħriġ irid javża lill uffiċjal inkarigat mill-inqas sagħtejn qabel il-ħin avżat għat -taħriġ skond regolament 8.2.

8.5 Matul is-sajf meta il-kampjonat ikun wieqaf il-korsa tinfetaħ biss darbtejn fil-ġimgħa dejjem skond il-programm ta' taħriġ fuq is-sit elettroniku tal-ASMK.

8.6 Kull min jaħdem bix-shift u ma jkunx jista' fil-ġranet stabbiliti jrid jinforma lill Uffiċjal inkarigat min jumejn qabel. Dan jista jsir biss fil-ġimgħa li tkun ser issir attivita tal-kampjonat.

8.7 L-Uffiċjal inkarigat jista jinbidel min żmien għall żmien u jista jkun hemm iktar min wieħed. Il-programm ta' taħriġ jkun skond regolament 8.2.

8.8 Meta il-korsa tkun magħluqa se jibda jintbat mesaġġ lill kull membru mħallas, dan jista jsir b'SMS jew Whatsapp. Apparti dan jibda jitħalla wkoll messaġġ fuq il-Facebook Page tal-ASMK – A.S.M.K. Malta –

8.9 Min jipprova jew jagħmel taħriġ bla permess jiġi sospiż.

8.10 Jekk isir taħriġ min *Rider*/s mingħajr il-membership imħallsa, dan jiġi rrappurtat lil-pulizija li qed jidħol fil-propjeta tal-ASMK bla permess.

8.11 Irregolaritajiet ser ikunu immoniterjati permezz tas-sistema ta CCTV.

8.12 It taħriġ irid jieqaf nofs-siegħa qabel il-ħin avżat skond il-programm ta taħriġ fuq is-sit elettroniku tal-ASMK ħalli jkun hemm ħin biex ir-*rider* ibiddel ħwejġu ecc, u l-gate tingħalaq mal-ħin avżat.

8.13 Imġieba ħażina mal-Uffiċjal inkarigat jistaw iwaslu biex il-kumitat Eżekuttiv jieħu passi dixxiplinarji skond il-penali iktar l-isfel.

8.14 Kull min jamel xi tip ta taħriġ fil-korsa tal-Motocross irrid jibda jiffirma il-log kull darba li juża il-korsa. Min jonqos li jamel dan u jigi osservat jittieħdu passi dixxiplinarji. Il-Log Book se jinżamm fi changing room tal-Motocross. Id-Dettalji li irridu jitniżlu huma data, isem u kuljom, numru tal-ID, firma u ħin fix ħin wassalt għat-taħriġ.

8.15 Ħadd ħlief is-Sewwieqa membri fl-ASMK jew Ufficjali ma jista jidħlu fil-korsa tal-Motocross waqt it-taħriġ, ħlief f'kas ta' Emerġenza jew Periklu, fejn għandhom jitwafqu is-Sewwieqa li jkunu qed jitħarġu waqt li jsir lintervent. Coaching, filming etc. Jista jsir mil-perimetru tal-korsa sakemm ma tkunx qed tintuża min xi sezzjoni oħra ta' l-ASMK.

8.16 Meta il-korsa tiġi ppreparata għall sezzjoni ta' taħriġ kull rider li jagħmel użu minnha jrid iħallas miżata ta' €10. Ir-riders ikunu avżati minn qabel ma tinfetaħ il-korsa li din ħa tkun preparata għat-tahrig.

8.17 Waqt taħriġ tal-motocross mhux permess li tintuża l-korsa tal-autocross minn l-ebda mutur.

## Sezzjoni Nru. 9 Penali

9.1 Min Ġimgħa Training sa Tiġrija tal-Kampjonat.

9.2 Min joqgħod itellef il-ħin biex il-Gate ma tingħalaqx mal-ħin jiġi sospiż milli jittrenja għall numru ta Training Sessions. Dan jgħodd ukoll anka jekk ikunu numru ta *rider*s iktar minn wieħed.

9.3 Dan ir-*rider*/helper/membru jew mhux jiġi suspendut immedjatament. L-Esekuttiv jista jżid il-Penali u d-deċiżjoni hija Finali.

9.4 Jekk *rider* ma jkunx liebes kif suppost kif spjegat f' Numru 1.3, 5.4 sa 5.7 dan jiġi avżat biex jirregola ruħu.

- Jekk jibqa ma jobdix, jiġi mitlub jieqaf.
- Jekk ir-*rider* ikompli it-taħriġ minkejja l-avviżi li jkunu sarulu, dan jiġi suspendut mill-Esekuttiv għall numru ta sezzjonijiet ta taħriġ sa numru ta tiġrijiet tal-kampjonat.
- Tista tintalab l-għajnuna tal-pulizija biex dan jitwaqqaf u/jew joħroġ mill-premises tal-korsa

9.5 Il-bandiera s-sewda (black flag) tinata mir-Referee tal-ġurata lir-*Rider* li jkun għamel xi manuvra jew għaġir li fil-ġudizzju tar-referee dan għandu jiġi mwaqqaf milli jkompli jsuq. Ir-raġunijiet li l-bandiera s-sewda tingħata huma varji u jistaw jinkludu (imma mhux limitati għal): sewqan perikoluż u nuqqas ta-sportivita (shortcuts, etc..). L-użu tal-bandiera is-sewda jibqa fid-deskrizzjoni tar-Referee u wara li *Rider* jitwaqqaf jinata spjegazzjoni tar-raġuni li ġie m'għoti din il-bandiera.

## Sezzjoni numru 10: Klassijiet għall kompetituri taħt 18-il sena

10.1 Il-klassijiet għall-kompetituri taħt 18-il sena huma maqsumin fit-tnejn, **Junior** u **Youth**.

10.2 Fil-klassi **Junior** jistgħu jieħdu sehem fiha kompetituri li għandhom bejn 10 u 14-il sena. Biex kompetitur ikun eliġġibli għal din il-klassi jrid ikollu l-eta stipulata sal-ewwel tellieqa uffiċjali tal-kampjonat. Jekk matul il-kampjonat is-sewwieq jgħalaq/tgħalaq 15-il sena, il-kampjonat jista jitkompla f'din il-klassi.

10.3 Fil-klassi **Youth** jistaw jieħdu sehem fihom kompetituri li għandhom bejn 13 u 17-il sena. Biex kompetitur ikun eliġġibli għal din il-klassi jrid ikollu l-eta stipulata sal-ewwel tellieqa uffiċjali tal-kampjonat. Jekk matul il-kampjonat is-sewwieq jghalaq/tghalaq 18-il sena, il-kampjonat jista jitkompla f'din il-klassi. Jekk rider jirbaħ din il-klassi darbtejn, dan jitla awtomatikament fi klassi B.

10.4 Fil-klassi Junior jistgħu jintużaw dawn it-tip ta' muturi:

a. 50cc sa 85cc 2 stroke
b. 110cc sa 150cc 4 stroke
c. Muturi jaħdmu bl-elettriku, b'potenza massima ta 10kW

10.5 Fil-klassi Youth jistgħu jintużaw dan il-muturi li ġejjin:

a. 125cc sa 150cc 2 stroke
b. 250cc 4 stroke

10.6 Kompetitur li jkun tela fil-klassi Youth mill-klassi Juniors, ma jistax jerġa jikkompeti fil-klassi Juniors. Bl-istess mod, kompetitur li jkun tela fi klassi B ma jistax jerġa jsuq fi klassi Youth.

10.7 Kompetitur ma jistax jibdel il-klassi wara li tkun saret l-ewwel tiġrijja tal-kampjonat.

10.8 Meta kompetitur jkun irid jibdel il-klassi qabel ma jibda il-kampjonat dan irid javża b'mod uffiċjali lil Kumitat Motocross.

10.9 It-tiġrijja tal-Klassi Juniors issir għaliha waħeda. Skond l-esiġenza tal-ġurnata jista jagħti l-każ li l-klassi Youths tingħaqad ma klassi B jew mal-klassi Veterans, iżda b'punti separati. Il-klassijiet jinaqdu biss wara deċiżoni tal-kumitat.

10.10 F’sitwazzjoni li jkun hemm iktar minn klassi waħda fl-istess tellieqa u jkun hemm xi *rider* minn klassi li jkun ta’ xkiel għal *rider*s ta’ klassi oħra, dan jiġi muri il-bandiera l-blu. (Din il-bandiera tapplika normali meta jsuqu separatament).

10.11 Ir-race director hu obbligat li jieħu azzjoni fejn jara sewqan jew azzjonijiet anti-sportivi meta iż-żewġ klassijiet isuqu flimkien.

10.12 Wiehed mill-Ġenituri/Guardian huma obbligati li min x’ħin ir-*rider* joħroġ mill-paddock għal ġo track jinżlu fl-area immarkata mir-race director.

10.13 Wiehed mill-Ġenituri/Guardian huma obbligati li min x’ħin ir-*rider* joħroġ mill-paddock għal ġo track jinżlu fl-area immarkata mir-race director.

10.14 L-Uffiċjali inkarigati mit-tiġrijja jistaw jiehdu kwalunkwe azzjoni dixxiplinarja kontra il-Ġenitur /Guardian f’każ ta’ imġieba ħażina kemm waqt it-tiġrija kif ukoll wara.

10.15 L-Uffiċjali li jmexxu l-attivita jistgħu jitilobu lill-Ġenituri/Guardians biex jassistu bħala Marshalls. Ħadd ma jista joqgħod Marshall mingħajir permess.

10.16 F’każ li Ġenitur/Guardian jkun Marshall ma jistax jagħmel sinjali jew jgħaddi l-ebda informazzjoni lir-*Rider*s. Biex jagħmel dan, il-Ġenitur/Guardian irid/trid joqod fl-area immarkata mir-Race Director.

## Sezzjoni numru 11: Użu tal-Paddock

11.1 Kull persuna li juza il-paddock hu mitlub li jżomm nadif.

11.2 Borża tal-plastic jew tapit għandu jitqiegħed taħt il-mutur meta jkun hemm it-tajn. Wara dan għandu jerġa jintrema lura fil-korsa.

11.3 Sewwieq li-jsuq b’veloċita eċċesiva fil-paddock jew jagħmel xi wheelspin jista jeħel verbal warning jew sospenzjoni ndefinita mit-tlilaq u training skond il-każ partikolari. Dan japplika ukoll jekk rider isuq b’mod perikoluż ġewwa il-paddock area.

11.4 Jekk vettura tkun tagħmel jew twaqqa iż-żejt, xi tip ta tray jew ilquħ għandu jitqiegħed taħta. Kull persuna hi responsabbli għad-danni u ħsara li tikkawża.